Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2023/2152(DEC)

18.10.2023

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza 2022: L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2023/2152(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Christine Anderson

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija valur ewlieni tal-Unjoni minqux fl-Artikolu 2 tat-TUE;

B. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri kienet ikkaratterizzata minn ideoloġija rigressiva, li tipprijoritizza l-aborti, tippermetti lil kulħadd jagħżel minn lista illimitata ta' ġeneri, u timmalafama r-rwoli tradizzjonali;

C. billi ż-żieda fl-għoli tal-ħajja kellha impatt kemm fuq l-irġiel kif ukoll fuq in-nisa; billi mentalità permanenti ta' vittimizzazzjoni hija kontroproduttiva għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri; billi l-ugwaljanza tal-opportunitajiet għandha tkun għan tal-UE;

D. billi l-baġit finali tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi ("EIGE") għas-sena finanzjarja 2022 kien ta' EUR xxx,xx, li jirrappreżenta żieda ta' xxx% meta mqabbel mal-2021;

1. Ifakkar li l-EIGE ġie stabbilit biex jiżviluppa għodod dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jinnota li dan mhuwiex rekwiżit fiż-żminijiet turbolenti tagħna; jinnota għalhekk li l-baġits allokati tal-EIGE għandhom jitnaqqsu;

2. Jinnota l-livell kontinwament għoli ta' eżekuzzjoni tal-baġit tal-EIGE, b'approprjazzjonijiet ta' impenn sa 9x, 92 % fl-2022 (meta mqabbla ma' 97,75 % fl-2020);

3. Jirrikonoxxi żieda fin-nefqa amministrattiva riportata tal-EIGE għal xxx % fl-2023 (54,79 % fl-2022);

4. Jinnota li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri kkonfermat il-kontijiet annwali tal-EIGE jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2022 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu, il-flussi tal-flus tiegħu u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet;

5. Hija tal-opinjoni li ma tingħatax il-kwittanza lid-Direttur tal-EIGE għall-implimentazzjoni tal-baġit tiegħu għas-sena finanzjarja 2022.